**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 5 ta' Frar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1088/2018 AF**

**APS Bank Ltd (C-2192)**

**vs**

**Rosario maghruf bhala Louis Carabott u martu Maria Carabott**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-APS Bank Limited, li wara li gie premess illi:

Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi datat erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Dokument A), il-Bank rikorrenti ikkonceda lill-intimati, in solidum bejniethom, facilità ta' "overdraft" sas-somma massima ta' hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) ekwivalenti ghal mija u sittax-il elf u erba' mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67), taht il-pattijiet u

kondizzjonijiet kollha imsemmija u pattiwiti fl-istess kuntratt notarili u kif ukoll fis-*Sanction Letters* relattivi (Dokumenti B, C u D).

Il-bilanc ta' debitu dovut illum mill-intimati lill-Bank rikorrenti, skond l-imsemmija facilità bankarja, jammonta ghas-somma ta' tmienja u erbghin elf u tlett mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€48,362.75), dovuta kwantu ghas-somma ta' €43,746.67 bhala bilanc ta' debitu ta' *Overdraft For Regularised Account* numru 2000150221-9 qabel l-Overdraft Account numru 2000020414-0 (Dokument E) u kwantu ghas-somma ta' €4,616.08 bhala bilanc ta' debitu ta' *Interest Disposal Current Account* numru 3718881001-8 (Dokument F), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

L-imsemmija facilità bankarja giet "*called in*" mill-Bank rikorrenti permezz ta' ittra ta' "*call in*" mahruga mill-Bank rikorrenti datata hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Dokument G).

L-intimati sussegwentement gew ukoll interpellati mis-socjetà rikorrenti, kemm permezz ta' ittri interpellatorji (Dokument H u I) u anke permezz ta' ittra ufficcjali (Dokument J), sabiex ihallsu l-bilanc ta' debitu dovut minnhom skond l-imsemmija facilità bankarja izda xorta wahda baqghu inadempjenti. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati, "in solidum" bejniethom, huma debituri tas-socjetà rikorrenti tas-somma ta' tmienja u erbghin elf u tlett mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€48,362.75), dovuta kwantu ghas-somma ta' €43,746.67 bhala bilanc ta' debitu ta' *Overdraft For Regularised Account* numru 2000150221-9 qabel *Overdraft Account* numru 2000020414-0 (Dokument E) u kwantu ghas-somma ta' €4,616.08 bhala bilanc ta' debitu ta' *Interest Disposal Current Account* numru 3718881001-8 (Dokument F) u dana oltre l-interessi

ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv; u

2. Tikkundanna lill-intimati, "in solidum" bejniethom, ihallsu lis-socjetà rikorrenti l-imsemmija somma ta' tmienja u erbghin elf u tlett mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€48,362.75);

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati "in solidum" bejniethom, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-Rikors Guramentat, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati "in solidum", mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati konjugi Carabott ghazlu li ma jwiegbux ghall-kawza. Deheru ghall-udjenza u ddikjaraw li ma xtaqux jinkarigaw avukat biex jassistihom.

Semghet l-ammissjoni tal-istess konjugi Carabott, moghtija minnhom viva voce taht gurament.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati konjugi Carabott.

IMHALLEF

DEP/REG